# L-ARMAR

*Kitba ta' Christopher Farrugia*

L-armar ikun x'ikun, u jkun fejn ikun, la darba jkun jikkumplimenta mal-bqija ta' l-ambjent żgur li jipperfezzjona l-istess atmosfera.

Matul il-festi nsibu ħafna armar u tiżjin kemm barra t-toroq kif ukoll ġewwa l-knejjes u każini. Ma jistax jonqos li dawn insibuhom ukoll fil-festa li ssir ġewwa r-raħal tagħna f'ġieh il-Patrun San Leonardu li tiġi organizzata mill-Każin Banda San Leonardu.

Minn tagħrif li rnexxili niġbor jidher li l-armar ta' l-injam, jiġifieri dak li jirrigwardja pedestalli u kolonni ilhom li saru madwar mitt sena ilu. Dan l-armar tista' tgħid li sar mat-twaqqif tas-Soċjetà San Leonardu u ġie maħdum mill-membri ta' l-istess Soċjetà taħt id-direzzjoni ta' Ġann Battist Cutajar u tal-familja tiegħu li kienu mastrudaxxi li kienu magħrufa bħala ta' Dovik. X'uħud minn dan l-armar, is-sena l-oħra baqa' fl-imħażen tas-Soċjetà. Ir-raġuni hija li saru sett kolonni replika ta' l-antiki, b'differenza li minflok magħmula mill-injam, saru mill-*fibre*. Dawn il-kolonni ġew akkumpanjati minn sett gastri wkoll li huma wkoll magħmula mill-*fibre*. Ovvjament żdiedu xi skultura fuq dawn il-kolonni u gastri biex b'hekk id-dehra tagħhom tkun immiljorata u ssebbaħ aktar l-ambjent ta' Misraħ Kirkop.

Iżda Misraħ Kirkop għadu żgur iddominat mill-pedistall titulari fejn fuqu tittella' l-Istatwa ta' San Loenardu. Dan il-pedistall li għandu madwar mitt sena x'aktarx ġie maħdum minn persuna mill-Birgu. Dan il-pedistall ġie rrestawrat tliet snin ilu minn Remigio Muscat u d-dilettanti ta' l-armar. Peress li xi njam kien jinsab fi stat ħażin ħafna, ċertu partijiet ġew maħduma mill-ġdid fosthom il-vażа ta' taħt u t-taraġ iżda dawn xorta żammew l-istess disinn ta' l-antik.

Ħafna mill-iskultura li hemm jakkumpanja dan il-pedistall huma magħmula wkoll mill-*fibre* li huma replika ta' dawk antiki; dan seħħ peress li l-iskultura tfarrket waqt ir-restawr ta' l-istess pedistall. Saru xi żidied żgħar bħall-anġli li huma replika ta' l-oriġinal, li oriġinarjament kienu jakkumpanjaw l-istess pedistall qabel ma ġie mtajjar minn karozza fl-1951. Dan l-anġlu kien miżmum mis-Sur Ninu Busuttil wara li kien talbu lill-kumitat fis-sena hawn fuq imsemmija, liema anġlu ġie mogħti lil Remigio Muscat biex ikun jista' jagħmel użu minnu. Nixtiequkom tinnutaw bir-reqqa din il-biċċa skultura li tinsab fuq il-faċċata tal-pedistall - għandu wiċċu propju ta' tfajjel sbejjaħ; u dan wara dak iż-żmien kollu. Dan il-pedistall ġie miksi kollu bil-*fibre* u *resin* biex ikun protett kemm jista' jkun mill-ilmijiet ta' Settembru.

Dawn l-ilmijiet li ta' kull sena ħakmu l-festi tal-Patrun San Leonardu wettqu ħafna ħsara lill-armar ta' l-injam u lill-istatwi. B'kawża ta' din il-ħsara, apparti mill-ħsara tad-drapp u anke xi ħsara f'dak li jirrigwardja nar, il-membri ddeċidew li jittrasferixxu l-festa għal Awissu.

Fost il-ħsara b'dispjaċir ngħid li għandna l-istatwa ta' San Remigio li tintrema fuq iz-zuntier tal-Knisja. Din l-istatwa flimkien ma' dik ta' Klodoveo u tal-papa huma frott tax-xogħol ta' l-istatwarju Karlu Darmanin. Dawn l-istatwi wkoll għandhom madwar mitt sena. Xhieda ta' dan huma l-karti li sibna fl-istatwa ta' San Remigio. Sibna folji ta' pitazzi li fuqhom hemm id-data tat-22 ta' Mejju, 1885. Għalhekk huwa bilfors li dawn l-istatwi saru f'dik l-epoka. Taħt dawn l-istatwi nsibu l-pedistalli tagħhom li wkoll saru f'din l-epoka.

Iż-żewġ pedistalli li jintramaw fuq iz-zuntier tal-Knisja din is-sena ġew irrestawrati u ser jiġu armati b'dehra isbaħ bi ftit aktar skultura iżda biż-żamma tad-disinn oriġinali. Il-kolonni li għad fadal f'Misraħ Kirkop u Triq il-Parroċċa ser jiġu mibdula f'kolonni ġodda tal-*fibre* fuq l-istess stil ta' l-antik u dan dejjem grazzi għas-Sur Remigio Muscat u d-dilettanti ta' l-armar. Din is-sena Triq il-Kbira ser tieħu kompletament dehra oħra. Is-sena l-oħra ġew imdendla drappijiet ġodda flimkien ma' serbut ta' liedna ħamra u dan dejjem grazzi għall-partitarji nisa li għoġobhom iħitu dawn il-pavaljuni u bandalori u lill-partitarji li ħadmu bla heda biex jagħmlu din il-liedna. Din is-sena d-drappijiet ser ikunu mżejna bil-pittura. Ma rridx ninsa l-pavaljun li sar is-sena l-oħra f'tarf ir-raħal tagħna permezz ta'dwal u liedna, pavaljun oriġinali li dawwal id-daħla ta' Ħal Kirkop flimkien mal-kumplament tal-festuni.

L-armar huwa nfatti fil-qalb tal-membri tal-Banda San Leonardu u għaldaqstant nitlob għal xi għajnuna minn kull min jista' jikkontribwixxi biex b'hekk inkomplu nżejnu lir-raħal tagħna waqt li nagħtu qima u ġieħ lil Patrun tagħna San Leonardu.

*F'dawn ir-ritratti, wieħed jista' jifhem u jieħu idea tal-ħsara li saret is-sena l-oħra fl-armar.*





Get riches by honest means alone.
Hurt not any animal for sport.
Hurt not any animal for sport.
Hurt not any animal for sport.
Hurt not any animal for sport.
Concetta Bianchi May 22nd 1885.
Vere Foster's Copy-Book, No. 4.

